MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 922/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Doreen Spagnol**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u sebgha u hamsin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm157.46) hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9982 9608;**

**Illi l-konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi, baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-**

**konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-verbal tal-10 ta' Gunju, 2004, fejn il-konvenuta ammettiet li l-ammont kien dovut.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha u hamsin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm157.46) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-4 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill- konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------